# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAS-27 TA' MEJJU, 2021

**Kawza Numru: 8**

**Rik. Gur. 232/2021 RGM**

**Edwina Bonello (K.I. 522953M)**

**vs.**

**Norman Spiteri (K.I. 41461M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors guramentat **ta' Edwina Bonello** prezentat fit-12 ta' Marzu, 2021 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-konvenut huwa debitur tan-negozju li tiggestixxi l-esponenti bl-isem ta' Bonello General Merchants fl-ammont ta' sitta u erbghin elf hames mija tmienja u sebghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€46,578.49) rapprezentanti diversi prodotti ta' xorb forniti mill-esponenti fuq inkarigu tal-konvenut stess (hekk kif indikat fil-fatturi hawn annessi u mmarkata Dok NS1 – NS26);

2. Illi ghalkemm l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, huwa baqa inadempjenti, hlief fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) meta dahak bl-esponenti billi ta cekk fis-somma ta' erbat elef hames mija u tmienja u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€4,548.79), illi kien jaf ben tajjeb li ma setghax jissarraf, u fil-fatt hekk gara (hawn anness u mmarkat Dok NS27);

3. Illi l-ammont fuq indikat hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponenti l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jissoleva f'din il-kawza;

4. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex dina l-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenut ghandu jigu kkundannat ihallas s-somma ta' sitta u erbghin elf hames mija tmienja u sebghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€46,578.49) kif fuq indikata u billi jirrikorru l-elementi mehtiega mill-ligi, din il-kawza ghandha tinstema' u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitta u erbghin elf hames mija tmienja u sebghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€46,578.49) rapprezentanti diversi prodotti ta' xorb forniti mill-esponenti fuq inkarigu tal-konvenut stess;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 280/2021, bl-imghax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat illi fl-ewwel udjenza mizmuma fit-13 ta' Mejju 2021 deher il-konvenut Norman Spiteri u permezz tal-avukat difensur tieghu pprezenta nota ta' ammissjoni.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Il-kawza odjerna titratta talba ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu pretiz mill-attrici minghand il-konvenut rapprezentanti prezz ta' diversi prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati mill-attrici lill-konvenut. Skond il-provi dokumentarji pprezentati mill-attrici, senjatament prospett a fol. 5 tal-process, jirrizulta li dan l-ammont jirreferi ghal diversi konsenji maghmula mit-12 ta' Jannar 2019 sad-19 ta' Lulju 2019. Gew ukoll ezebiti kopja tal-invoices relativi ghal kull konsenja.

L-ammissjoni tal-konvenut qed tittiehed in konsiderazzjoni tenut kont illi l-Qorti evalwat il-provi mressqa u jirrizulta illi fin-negozju ta' bejn il-partijiet ma jirrizulta xejn illecitu jew kontra l-ordni pubbliku.

Ghaldaqstant issib illi t-talbiet attrici huma fondati u jimmeritaw li jigu akkolti.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fuq ammissjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija u tmienja u sebghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€46,578.49) rapprezentanti diversi prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati mill-attrici lill-konvenut;

2. Bl-imghax legali mid-19 ta' Lulju 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 280/2021, kontra l-konvenut.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
27 ta' Mejju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**